MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2012

Citazzjoni Numru. 2156/1998/1

Patrick **FALZON GOUGH**

vs

Carmelina **FALZON;** Josephine mart Oreste Vassallo, Lawrence Falzon, Vinċenza Formosa, Nażżarena Muscat; David Falzon u Irene mart Henry Aquilina; Edwin Falzon; Josephine Laus; Dolores mart Paolo Falzon; u b'degriet tal-25 ta' Novembru, 2004, Edgar Falzon inħatar Kuratur Deputat għall-wirt ta' Dolores Falzon; Carmelina mart Costantino Miceli, Edgar Falzon, Joseph Falzon, Pauline mart Emanuel Cordina; Ronnie Falzon, Paul Falzon, Angela Falzon; u b'degriet tad-19 ta' Novembru, 1998, Carmelina Miceli nħatret Kuratriċi Deputata biex tidher għall-assenti ħuha William Falzon u wkoll għall-wirt battal ta' oħtha Aida mart Philip Xuereb; u b'degriet tat-3 ta' Diċembru, 1998, Ronnie Falzon inħatar Kuratur Deputat biex jidher għal ħutu l-assenti Grace mart Terence Rowland, Anthony Falzon, Lawrence Falzon u Myriam mart Stanley Synowicki; u b'degriet tal-15 ta' Diċembru,

1999, l-Avukat Edwina Chetcuti u l-P.L. Nicholette Aquilina nħatru kuraturi deputati biex jidhru għall-wirt battal ta' Joseph Falzon, iben Joseph; u b'degriet tal-11 ta' Diċembru, 2006, l-Avukat Dottor Renzo Porsella Flores u l-P.L. Mario Mifsud Bonniċi nħatru Kuraturi Deputati biex jidhru għall-wirt ta' Carmelina Miċeli; u b'degriet tal-11 ta' Diċembru, 2006, l-Avukat Dottor Leslie Cuschieri u l-P.L. Veronica Rossignaud inħatru Kuraturi Deputati biex jidhru għall-wirt ta' battal ta' William Falzon; u b'degriet tal-11 ta' Diċembru, 2006, l-Avukat Dottor Beppe Fenech Adami u l-P.L. Doreen Aquilina nħatru Kuraturi Deputati biex jidhru għall-wirt battal ta' Aida Xuereb; u b'degriet tat-12 ta' Mejju, 2009, l-Avukat Dottor Renzo Porsella Flores u l-Prokuratriċi Legali Doreen Aquilina nħatru Kuraturi Deputati biex jidhru għall-wirt ta' Carmelina Falzon u Angela Falzon

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-22 ta' Ottubru, 1998, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-attur talab li din il-Qorti (a) tordna li ssir il-likwidazzjoni tal-ġid kollu tal-komunjoni tal-akkwisti ta' nannietu min-naħa tal-missier, jiġifieri Lorenzo u Pauline miżżewġin Falzon; (b) tordna l-qasma tal-istess ġid f'żewġt ishma ndaqs; (ċ) tordna li wieħed minn dawk l-ishma likwidati u maqsuma jkun assenjat lill-ġid partikolari ta' Lorenzo Falzon; (d) tordna li s-sehem l-ieħor minn dawk l-ishma likwidati u maqsuma jkun assenjat lill-ġid partikolari ta' Pauline Falzon; (e) tillikwida l-assi partikolari ta' Lorenzo Falzon li jiġi dikjarat li jikkonsisti fil-ġid hekk likwidat u li jinqasam f'erbgħa u għoxrin (24) sehem li għandhom jiġu assenjati in kwantu għal sehem minn erbgħin ($^{1}/_{40}$) lil kull wieħed u waħda mill-aħwa Falzon ulied Carmelo Falzon, u jiġifieri lil Carmelina Falzon, Josephine Vassallo, Lawrence, Vinċenza Formosa u Nażżarena *sive* Rene' Muscat; sehem ta' sediċesimu ($^{1}/_{16}$) lil kull wieħed mit-tfal ta' Giovanni Falzon, jiġifieri lil David Falzon u Irene Aquilina; sehem ta' wieħed minn tmien ($^{1}/_{8}$) ishma lil kull wieħed

minn ulied Paul Falzon, u jiġifieri lill-attur u lil oħtu Josephine Laus u wkoll lil iben Emilia Falzon, jiġifieri Edwin Falzon; sehem ta' ottav ($^{1}/_{8}$) favur Dolores mart Paolo Falzon; sehem ta' wieħed minn tmienja u erbgħin ($^{1}/_{48}$) sehem lil kull wieħed u waħda minn ulied Giuseppe Falzon, jiġifieri Carmelina Miceli, Joseph, Edgar, William, Pauline Cordina u Aida Xuereb; u f'sehem minn kull sitta u ħamsin ($^{1}/_{56}$) sehem lil kull wieħed u waħda minn ulied Rosario Falzon, u jiġifieri Ronnie, Grace Rowland, Lawrence, Paul, Angela Falzon, Anthony u Myriam Synowicki; (f) tillikwida l-assi partikolari ta' Pauline Falzon li jiġi dikjarat li jikkonsisti fil-ġid hekk likwidat u li jinqasam f'erbgħa u għoxrin (24) sehem li għandhom jiġu assenjati in kwantu għal sehem minn erbgħin ($^{1}/_{40}$) lil kull wieħed u waħda mill-aħwa Falzon ulied Carmelo Falzon, u jiġifieri lil Carmelina Falzon, Josephine Vassallo, Lawrence, Vinċenza Formosa u Nażżarena *sive* Rene' Muscat; sehem ta' sediċesimu ($^{1}/_{16}$) lil kull wieħed mit-tfal ta' Giovanni Falzon, jiġifieri lil David Falzon u Irene Aquilina; sehem ta' wieħed minn tmien ($^{1}/_{8}$) ishma lil kull wieħed minn ulied Paul Falzon, u jiġifieri lill-attur u lil oħtu Josephine Laus u wkoll lil iben Emilia Falzon, jiġifieri Edwin Falzon; sehem ta' ottav ($^{1}/_{8}$) favur Dolores mart Paolo Falzon; sehem ta' wieħed minn tmienja u erbgħin ($^{1}/_{48}$) sehem lil kull wieħed u waħda minn ulied Giuseppe Falzon, jiġifieri Carmelina Miceli, Joseph, Edgar, William, Pauline Cordina u Aida Xuereb; u f'sehem minn kull sitta u ħamsin ($^{1}/_{56}$) sehem lil kull wieħed u waħda minn ulied Rosario Falzon, u jiġifieri Ronnie, Grace Rowland, Lawrence, Paul, Angela Falzon, Anthony u Myriam Synowicki; (ġ) taħtar nutar pubbliku biex jippubblika l-kuntratt tal-likwidazzjoni u tal-qasma fuq imsemmija, fil-jum, ħin u post li din il-Qorti jogħġobha tordna; u (ħ) taħtar kuraturi biex jidhru għal dawk li jonqsu li jersqu fuq l-att tal-qasma. Talab ukoll l-ispejjeż;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fit-22 ta' Lulju, 1999, li biha l-imħarrek Ronnie Falzon, f'ismu u bħala kuratur deputat għall-imħarrkin ħutu assenti Grace Rowland, Anthony Falzon, Lawrence Falzon u Myriam Synowicki li biha laqgħu għat-talbiet attriċi billi, b'mod preliminari, qalu li l-azzjoni saret qabel waqtha billi qatt

qabel ma kien miltub mill-attur biex jersaq għal xi kuntratt ta' likwidazzjoni jew ta' qasma tal-wirt ta' nanniethom. Fil-mertu, qalu li f'kull każ, m'għandhomx ibatu spejjeż;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fis-26 ta' Lulju, 1999, mill-imħarrkin Josephine Vassallo, Lawrence Falzon, Vincenza Formosa, Nażżarena Muscat u Carmelina Falzon li biha laqgħu għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, tabu li jsir xi bdil f'uħud mill-ismijiet tal-partijiet imħarrkin u d-dati tal-imwiet ta' xi awturi tagħhom u li jkunu stabiliti sewwa l-ishma ta' kull min qiegħed fil-kawża. Fil-mertu, laqgħu billi qalu li huma jaqblu li ssir il-likwidazzjoni u l-qasma tal-ġid tan-nanniet tagħhom iżda jgħidu li m'għandhomx jerfgħu spejjeż għaliex huma kemm-il darba riedu li ssir dik il-likwidazzjoni u dik il-qasma;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet mressqa fis-26 ta' Lulju, 1999, mill-imħarrek David Falzon, li biha iddikjara li huwa kien jaqbel mat-talba attriċi biex il-wirt jinqasam, imma qal li l-kawża tressqet qabel waqtha minħabba li huwa nnifsu kien ilu żmien jitlob lill-attur biex jersaq għal dan il-għan, iżda l-attur kien irid li l-qasma ssir biss bil-kundizzjonijiet li jogħġbu lilu;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fis-26 ta' Lulju, 1999, mill-imħarrka Carmelina Miċeli kemm f'isimha proprju u kif ukoll bħala kuratriċi ta' ħuha msiefer William Falzon u tal-wirt ta' oħtha l-mejta Aida Xuereb li biha iddikjaraw li huma kienu jaqblu mat-talba attriċi biex il-wirt jinqasam, imma qalu li l-kawża tressqet qabel waqtha minħabba li huma kienu ilhom żmien jitolbu lill-attur biex jersaq għal dan il-għan, iżda l-attur kien irid li l-qasma ssir biss bil-kundizzjonijiet li jogħġbu lilu;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet mressqa fis-26 ta' Lulju, 1999, mill-imħarrka Irene Aquilina, li biha iddikjarat li hija kienet taqbel mat-talba attriċi biex il-wirt jinqasam, imma qalet li l-kawża tressqet qabel waqtha minħabba li hija kien ilha żmien titlob lill-attur biex jersaq għal dan il-għan, iżda l-attur kien irid li l-qasma ssir biss bil-kundizzjonijiet li jogħġbu lilu;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet mressqa fis-27 ta' Lulju, 1999, mill-imħarrek Edwin Falzon, li biha iddikjara li huwa kien jaqbel mat-talba attriċi biex il-wirt jinqasam, imma mhux bil-mod kif jitlob l-attur fir-raba' u fil-ħames talbiet tiegħu, billi f'dawk it-talbiet ismu ma jissemma mkien. Laqa' wkoll billi qal li l-kawża tressqet qabel waqtha minħabba li huwa nnifsu kien ilu żmien jitlob lill-attur biex jersaq għal dan il-għan, iżda l-attur kien joħloq problemi biex il-proċess tal-qasma jitmexxa;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fit-30 ta' Settembru, 1999, li biha l-imħarrek Edgar Falzon qal li hu ma jsib l-ebda oġġezzjoni għat-talbiet tal-attur, sakemm issir il-verifika tal-ishma spettanti lilu;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tas-16 ta' Frar, 2000[1], li bih ordnat bdil fl-atti tal-kawża fl-ismijiet ta' wħud mill-imħarrkin u f'uħud mit-talbiet attriċi;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-20 ta' Ottubru, 2000[2], li bih ħatret lill-Perit Arkitett Valeriano Schembri bħala perit tekniku biex jagħmel stima tal-ġid mertu tal-każ u jfassal pjan ta' qasma tal-istess;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fit-30 ta' Jannar, 2002, li biha l-Kuraturi Deputati maħtura biex jidhr għall-wirt battal ta' Joseph Falzon (iben il-mejjet Giuseppe) qalu li huma ma kenux edotti mill-fatti tal-każ u kienu jirriżervaw li jressqu l-eċċezzjonijiet tagħhom aktar 'il quddiem;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fid-29 ta' Marzu, 2005, minn Edgar Falzon bħala kuratur deputat biex jidher għall-wirt ta' ommu Dolores Falzon, li biha laqa' għall-azzjoni attriċi billi qal li ma kellu l-ebda oġġezzjoni għat-talba tal-qasma tal-wirt sakemm dik il-qasma tkun dwar il-ġid kollu tal-wirt ta' Lorenzo u Paolina miżżewġin Falzon;

[1] Paġ. 182 tal-proċess
[2] Paġ. 185 tal-proċess

Rat in-nota mressqa mill-imħarrek Edwin Falzon fit-22 ta' April, 2005[3], li biha iddikjara li huwa jaqbel li sehemu minn kull wieħed miż-żewġ wirtijiet ta' nannietu huwa ta' waħda minn tmien ($^{1}/_{8}$) ishma;

Rat in-Nota mressqa mill-imħarrek Ronnie Falzon fid-9 ta' Ġunju, 2006[4], li biha iddikjara li huwa jaqbel li sehemu u dak ta' ħutu mill-wirtijiet mertu tal-każ huma kif imsemmija fl-Att taċ-Ċitazzjoni;

Rat in-Nota mressqa mill-imħarrkin Josephine Vassallo, Lawrence Falzon, Vinċenza Formosa, Nażżarena Muscat u Carmelina Falzon fit-30 ta' Ġunju, 2006[5], li biha qablu li s-sehem tagħhom mill-wirtijiet ta' nanniethom huwa ta' parti minn erbgħin ($^{1}/_{40}$) favur kull wieħed u waħda minnhom;

Rat ir-rapport imressaq mill-perit tekniku fis-26 ta' Ottubru, 2006[6], u minnu maħluf kif imiss fit-30 ta' Settembru, 2007;

Rat il-verbal tas-7 ta' Novembru, 2007[7], li bih l-avukat difensur tal-attur talab li jitħalla jressaq lill-perit tekniku b'xhud tiegħu in eskussjoni;

Rat id-degriet tagħha tas-7 ta' Frar, 2008[8], li bih ordnat lill-perit tekniku jagħti stima ta' wieħed mill-fondi tal-wirt li kien naqas li jistma fir-relazzjoni oriġinali tiegħu;

Rat ir-Relazzjoni addizzjonali mressqa mill-Perit tekniku fil-15 ta' Jannar, 2009[9], relattiva għall-fond imsemmi u minnu maħlufa fil-11 ta' Marzu, 2009;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

[3] Paġ. 236 tal-proċess
[4] Paġ. 243 tal-proċess
[5] Paġ. 244 tal-proċess
[6] Paġġ. 283 sa 309 tal-proċess
[7] Paġ. 369 tal-proċess
[8] Paġ. 374 tal-proċess
[9] Paġġ. 383 – 7 tal-proċess

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għall-qasma ta' ġid ġej minn wirt. Bl-azzjoni tiegħu, l-attur irid li l-ġid li ġej mill-wirt ta' nannietu min-naħa ta' missieru, ma jibqax aktar komuni u ssir il-qasma tiegħu biex kulħadd jingħata s-sehem li jmissu. L-imħarrkin huma l-werrieta kollha l-oħrajn tal-istess awturi komuni;

Illi, min-naħa tagħhom, l-imħarrkin laqgħu, fl-ewwel lok, billi b'mod preliminari, qanqlu l-kwestjoni dwar jekk il-kawża tressqitx qabel waqtha, minħabba li qalu li ħadd qatt ma kien talabhom jersqu għal-qasma. Fil-mertu, ilkoll qalu li huma m'humiex kontra li ssir il-likwidazzjoni tal-ġid fil-wirt u l-qasma xierqa, sakemm dan isir skond l-ishma tagħhom. Qalu wkoll li mhux sewwa li jkollhom iħallsu l-ispejjeż tal-kawża ladarba huma dejjem riedu li ssir il-qasma u li n-nuqqas ta' dan kienet l-imġiba tal-attur innifsu li ħalaq il-problemi għaliex ried li l-qasma ssir kif jogħġob lilu biss;

Illi biex il-Qorti setgħet tqis it-talbiet tal-attur, ħatret perit tekniku biex jistma l-ġid tal-wirt u jfassal pjan ta' qasma;

Illi mill-<u>fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> jirriżulta li Lorenzo Falzon u Paolina mwielda Attard kienu miżżewġin u miż-żwieġ tagħhom kellhom disa' (9) wlied, tlitt ibniet u sitt subien. L-attur jiġi t-tifel ta' wieħed minn binhom. L-imħarrkin huma l-werrieta tal-aħwa l-oħrajn u oħt l-istess attur;

Illi Lorenzo Falzon miet intestat f'Jannar tal-1942[10], filwaqt li martu Paolina mietet testata fis-6 ta' Awissu, 1979[11] u l-wirt tagħha huwa regolat b'testment tal-24 ta' Marzu,

[10] Dok "A", f'paġ. 7 tal-proċess
[11] Dok "B", f'paġ. 8 tal-proċess

1971[12], fl-atti tan-Nutar Dottor Maurice Gambin. Bl-imsemmi testment, it-testatriċi ħalliet, fost l-oħrajn, b'titolu ta' legat lil bintha xebba Antonia l-post f'numru mitejn u erbgħa u ħamsin (254) u mitejn u ħamsa u ħamsin (255), Triq Manwel Dimech, Sliema, u lil uliedha kollha werrieta universali tagħha f'ishma ndaqs, b'dan li fil-każ fejn xi wħud minn uliedha kienu mietu qabilha, ħalliet lil uliedhom indaqs *per stirpes*;

Illi Carmelo, Giovanni, Joseph, Benigno u Rosario, aħwa Falzon (ulied l-imsemmija Lorenzo u Paolina miżżewġin Falzon) mietu, rispettivament, fi Frar tal-1981, f'April tal-1977, f'Diċembru tal-1941 (jiġifieri qabel missieru wkoll), fi Frar tal-1969 u f'Awissu tal-1959 ilkoll kemm huma intestati. Benigno Falzon kien għażeb;

Illi Emilia armla minn Rosario Falzon mietet testata fi Frar tal-1993, u ħalliet b'werriet tagħha lil binha waħdien l-imħarrek Edwin Falzon;

Illi Paolo Falzon miet testat f'Marzu tal-1988[13] u l-wirt tiegħu kien regolat b'testment *unica charta* tad-29 ta' Ottubru, 1987[14], fl-atti tan-Nutar Maurice gambin. F'dak it-testment, Paolo u martu Mary mwielda Gough, ħallew l-użufrutt u t-gawdija ta' s-sehem tagħhom lil min jibqa' ħaj l-aħħar minnhom u sa mewtha, u ħatru lill-attur u lill-imħarrka Josephine Laus bħala werrieta universali tagħhom f'ishma ndaqs bejniethom;

Illi Antonia Falzon mietet testata fit-30 ta' Ottubru, 1995[15], u b'testment tagħha tas-17 ta' Frar, 1983[16], ħalliet lill-attur, b'titolu ta' legat, il-post imsemmi li kien tħalla lilha minn ommha, ħatritu eżekutur testamentarju tagħha, u ħatret lill-attur u lil oħtu l-imħarrka Josephine Laus bħala werrieta universali tagħha f'ishma ndaqs bejniethom;

Illi l-imħarrka Dolores armla ta' Paolo Falzon kienet għadha ħajja meta nfetħet din il-kawża. Mietet fil-mori tal-

---

[12] Dok "B3", f'paġġ. 13 – 5 tal-proċess
[13] Dok "Ġ1", f'paġ. 35 tal-proċess
[14] Dok "Ġ4", f'paġġ. 38 – 9 tal-proċess
[15] Dok E1", f'paġ. 22 tal-proċess
[16] Dok "E4", f'paġġ. 25 – 6 tal-proċess

kawża f'Jannar tal-2004[17], u wiritha binha l-imħarrek Edgar Falzon;

Illi b'ittra mibgħuta lill-werrieta tal-wirt fl-1 ta' Marzu, 1996[18], l-attur talabhom nbiex jiltaqgħu fl-uffiċċju tal-avukat tiegħu biex jaraw kif ser issir il-qasma tal-ġid tal-wirt. Saru xi tentativi, iżda baqa' ma ntlaħaqx ftehim;

Illi l-kawża nfetħet f'Ottubru tal-1998;

Illi bħala <u>kunsiderazzjonijiet legali marbutin mal-każ</u>, għandu jingħad minnufih li f'azzjoni għall-qasma tal-ġid li ġej minn wirt, li kienet tissejjaħ l-*actio familiae erciscundae* fid-Dritt Ruman, il-liġi[19] tordna li għandhom jitħarsu r-regoli tal-qasma tal-beni in komun u tal-liċitazzjoni, fejn ikun il-każ. Fost il-prinċipji li jirregolaw il-qasma ta' ġid in komun, wieħed isib li (a) kull wieħed mill-komproprjetarji għandu jedd jieħu s-sehem tiegħu ta' ġid *in natura*[20], (b) f'kull sehem għandha tiddaħħal l-istess kwantita' ta' mobbli, immobbli, jeddijiet jew krediti tal-istess xorta u tal-istess valur[21] u (ċ) li l-ishma hekk formati għandhom, bħala regola, jittellgħu bix-xorti jekk l-ishma li jkunu qegħdin jinqasmu jkunu ndaqs[22];

Illi dwar il-kwestjoni ta' jekk il-ġid għandux jinqasam bix-xorti jew inkella b'assenjazzjoni (jew b'attribuzzjoni) jeħtieġ li jingħad li fejn l-ishma huma ndaqs, il-qasma ssir billi jittellgħu ix-xorti. Għalkemm hemm fehmiet li jgħidu li tali regola m'hijiex inflessibbli[23], jidher li l-leġislatur irid li sakemm ma jkunx hemm il-qbil tal-komproprjetarji kollha u l-ishma jkunu ndaqs, m'għandhiex issir il-qasma bl-assenjazzjoni[24]. Jidher li din ir-regola tal-liġi m'hijiex fakoltativa imma tassativa[25];

[17] Dok f'paġ. 222 tal-proċess
[18] Dok "DF01", f'paġ. 327 tal-proċess
[19] Art. 907 tal-Kap 16
[20] Art. 502 tal-Kap 16
[21] Art. 504 tal-Kap 16
[22] Art. 510(1) tal-Kap 16
[23] Fadda <u>*Commentario sulle Leggi Civili,*</u> art. 993-6 u ara P.A. MCH **31.5.2012** fil-kawża fl-ismijiet *Seamus Borġ vs Thomas Borġ*
[24] Ara, P.A. **30.7.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Scicluna et vs Calleja et*** (Kollez. Vol: **XLVIII.ii.1083**)
[25] P.A. PS **27.6.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Stella Scicluna vs Carmel Grech pro et noe et***

Illi madankollu l-qasma ta' wirt bix-xorti jew bl-assenjazzjoni tkun tista' ssir biss jekk kemm-il darba l-ishma jkunu jistgħu jitfasslu u jintgħamlu b'mod li jirrispettaw l-ishma ta' dawk imsejħa biex jaqsmu. Jekk dan ma jistax isir bla xkiel u ħsara għal tali jeddijiet, l-għażla li jifdal hi li l-wirt jinbiegħ b'liċitazzjoni u l-ishma jitħallsu mir-rikavat;

Illi f'dan il-każ ħareġ li l-ġid komuni bejn il-partijiet fil-kawża jikkonsisti minn erbatax-il (14) fond[26] li wħud minnhom huma mikrija, f'xi każijiet lil uħud mill-imħarrkin. Madankollu, ma nġabu l-ebda provi minn ħadd mill-partijiet biex ifissru liema mill-ġid kien partikolari u liema kien jagħmel mill-komunjoni tal-akkwisti li kienet teżisti bejn Lorenzo u Paolina Falzon, l-awturi tal-istess partijiet. Fin-nuqqas ta' prova u bi tħaddim tal-preżunzjoni tal-artikolu 1321(1) tal-Kodiċi Ċivili, l-ġid sejjer jitqies li kien kollu kemm hu ġid tal-komunjoni. Minbarra dan, kien hemm ġid ieħor f'numru ħamsa u tmenin (85), Triq San Nikola, Valletta, li kien ittieħed mill-Gvern, twaqqa' flimkien ma' bini ieħor fil-qrib u minflokhom ittella' korp ta' bini residenzjali. Ma ssemmiex jekk kienx ingħata l-kumpens mill-Gvern jew jekk kienx inbeda l-proċess tal-ħlas tal-kumpens, u għalhekk din il-kwestjoni tibqa' impreġudikata bejn il-partijiet;

Illi l-periti maħtur mill-Qorti, kif mitlub, wettaq eżerċizzju tal-likwidazzjoni tal-wirt u wasal għall-fehma li l-ġid kollu jammonta għal miljun mija u ħamsa u disgħin elf sitt mija u sebgħa u għoxrin euro u tmenin ċenteżmi (€ 1,195,627.80)[27] li huwa kollu kemm hu rappreżentanti l-valur tal-ġid immobbli li dwaru qablu l-partijiet. Ma ntweriex li kien hemm xi ġid ieħor ta' natura mobbli jew depożiti f'banek. L-attur kien qassam id-dħul mill-istess ġid sal-1996[28]. Xi kera u fidi ta' ċens kien ġie depożitat b'ċedola fil-Qorti wara li l-attur temm l-amministrazzjoni tiegħu u dan jammonta b'kollox għal tliet mija u sebgħa u disgħin euro (€ 397)[29];

---

[26] Ara Dok "PFG1", f'paġġ. 348 – 9 tal-proċess
[27] Relazzjonijiet peritali f'paġġ. 308 u 387 tal-proċess
[28] Affidavit tiegħu 5.12.2001, f'paġ. 346 tal-proċess
[29] Dokti "PFG2" sa "PFG6", f'paġġ. 351 – 5 tal-proċess

Illi l-imħarrkin ikkonfermaw li l-ishma tagħhom mill-ġid kollu huma kif imsemmija fl-Att taċ-Ċitazzjoni (kif korretta). Jingħad ukoll li ħadd mill-partijiet ma miera l-istimi magħmula mill-perit tekniku u lanqas il-konsistenza tal-wirt kif minnu identifikat;

Illi ħareġ ukoll li wieħed minn ulied Lorenzo u paolina Falzon – jiġifieri Joseph – miet qabel missieru, iżda dan ma jinfluwixxi xejn fuq il-qsim tal-wirt għaliex uliedu daħlu minfloku u fil-fatt huma mħarrkin fil-kawża. Iben ieħor tal-miżżewġin Falzon – jiġifieri Benigno – miet għażeb wara ommu, u għalhekk, għalkemm fil-waqt tal-mewt tagħha, ġidha kellu jinqasam bejn disa' (9) ishma, għall-prattiċita', ladarba Benigno miet għażeb u intestat is-sehem tiegħu mill-wirt ta' ommu u missieru sejjer jitqies li għadda bis-saħħa tal-liġi[30], f'dan il-każ, favur dawk minn fost ħutu li kienu għadhom ħajjin fil-waqt tal-mewt tiegħu *per capita* u favur ulied ħutu li kienu mietu qablu *per stirpes*;

Illi meta ttieħed qies tal-għamla u ċ-ċirkostanzi tal-ġid li jagħmel mill-wirt ta' Lorenzo u Paolina Falzon, il-perit tekniku sab li l-ġid ma jistax jinqasam bejn kull min huwa intitolat għalih *in natura.* Huwa wera l-fehma li l-qasma ma setgħetx issir b'mod xieraq bla ma jkun hemm ammont qawwi ta' ekwiparazzjonijiet. Minbarra dan, minħabba li hemm bosta werrieta u, fil-każ ta' wħud minnhom, lanqas biss jgħixu f'Malta u lanqas huwa magħruf kif kien regolat il-wirt tagħhom, u minħabba wkoll li l-ishma tal-istess werrieta jvarjaw b'mod sinjifikanti, jeħtieġ li, kif jissuġġerixxi l-għaref perit legali, l-bini jinbiegħ b'liċitazzjoni;

Illi l-bejgħ f'liċitazzjoni ta' ġid immobbli jista' jsir bil-mod li jaqblu dwaru s-sidien kollha. Imma jekk kemm-il darba l-bejgħ isir b'ordni tal-Qorti f'sentenza jew għax ma jkunx hemm fehma waħda bejn is-sidien kollha, l-għażla ta' liema proċedura għandha tiġi segwita hija mħollija f'idejn il-Qorti[31], li tista' tordna li l-partijiet isegwu proċess li jixbah

[30] F'dan il-każ jgħoddu d-dispożizzjonijiet tal-art. 814 tal-Kap 16 kif kienu fis-seħħ qabel il-bidliet li saru bl-Att XVIII tal-2004
[31] Art. 518(1) tal-Kap 16.

lil dak imfassal mil-liġi għall-bejgħ fl-irkant bil-qorti fuq talba tal-kreditur;

Illi hija għażla ta' kull wieħed li għandu sehem f'ġid immobbli li sejjer jinbiegħ b'irkant taħt is-setgħa tal-qorti, żgħir kemm hu żgħir sehemu mill-istess ġid[32], li jitlob li fl-irkant il-barranin jiġu mistiedna joffru wkoll[33]. F'dan il-każ, minħabba li t-talbiet kienu għal-likwidazzjoni u l-qasma , ma saritx talba f'dan is-sens;

Illi għandu jibqa' dejjem meqjus li l-liċitazzjoni ssir inevitabbli biss fejn il-ġid komuni ma jkunx jista' jinqasam mingħajr xkiel jew fejn ikun hemm xi ġid li l-ebda waħda mill-partijiet ma tkun tista' jew tkun trid tieħu għandha[34]. Fuq kollox, il-fondi li jistgħu jinbiegħu b'liċitazzjoni jridu jkunu tassew ma jistgħux jinqasmu bla xkiel min-natura u l-bixra tagħhom, u mhux għaliex imqegħda f'dak l-istat minħabba xi twaħħid artifiċjali jew bidliet strutturali li jisnaturaw l-istess fondi;

Illi huwa aċċettat li t-talba għall-qasma timplika fiha wkoll talba għal-liċitazzjoni meta joħroġ li l-ġid komuni ma jistax jinqasam mingħajr xkiel u ħsara[35]. B'mod partikolari, l-Qorti għandha s-setgħa li tordna l-liċitazzjoni meta tkun intalbet il-qasma, kif ukoll tista' tordna l-qasma minkejja li tkun intalbet il-liċitazzjoni[36], u dan għaliex il-liċitazzjoni m'hijiex għajr *modus divisionis*;

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti qiegħda tadotta r-rakkomandazzjoni tal-perit legali u tordna li l-ġid immobbiljari kollu jinbiegħ b'irkant taħt l-awtorita' tal-Qorti, bis-sehem ta' offerenti barranin, u bil-prezzijiet kif stmati mill-perit tekniku;

Illi għal dak li jirrigwarda l-**eċċezzjoni preliminari** imqanqla mill-biċċa l-kbira tal-imħarrkin fis-sens li din il-kawża tressqet qabel waqtha għaliex ma saritx talba minn qabel mill-attur biex jersqu għall-qasma, l-Qorti ma ssibx li

---

[32] Art. 516 tal-Kap 16
[33] Art. 517 tal-Kap 16
[34] P.A. **30.7.1967** fil-kawża fl-ismijiet ***Scicluna et vs Calleja et*** (Kollez. Vol: **XLVIII.ii.1083**)
[35] P.A. **13.6.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Galea vs Attard et*** (Kollez. Vol: **XLII.ii.1102**)
[36] App. Ċiv. **28.6.1948** fil-kawża fl-ismijiet ***Meilak vs Żahra Scicluna*** (Kollez. Vol: **XXXIII.i.329**)

din l-eċċezzjoni hija tajba. Minbarra li ħareġ mill-provi li l-attur kien, fil-fatt, sejjaħ lill-werrieta interessati biex jiltaqgħu għand l-avukat tiegħu biex jitħejja proċess li jwassal għall-qasma, ħareġ ukoll li kien għadda żmien biżżejjed minn mindu nfetaħ kull wirt[37] biex kull wieħed mill-partijiet (u mhux l-attur biss) sata' jitlob il-qasma tal-ġid komuni. Minbarra dan, uħud mill-imħarrkin jixlu lill-attur bit-tfixkil u problemi fl-atteġġament tiegħu biex il-qasma ssir. Ħadd ma ressaq provi f'dan is-sens u minn dak li jinsab fl-atti tal-kawża jidher li kien l-attur li żamm rendikonti u tagħrif sħiħ li għen mhux ftit biex sata' jkun determinat fiex kien jikkonsisti l-wirt;

Illi dwar l-**eċċezzjonijiet fil-mertu** (li l-imħarrkin ma kellhomx jerfgħu l-ispejjeż tal-kawża) l-Qorti tirreferi għall-fehmiet tal-perit legali u ssib li l-likwidazzjoni tal-wirt kellha ssir fl-interess tal-partijiet kollha. Jidher ukoll li l-kawża ma saritx għal xejn u, matul iż-żmien twil li damet tinstema' l-kawża, ħareġ ċar li, minkejja l-qbil tal-partijiet li l-wirt kellu jinqasam, naqsu milli jsibu mod bonarju biex il-wirt jinqasam. F'waqt minnhom, uħud mill-imħarrkin kienu ipproponew ukoll li l-postijiet battala jinbiegħu fis-suq. Lanqas din il-proposta ma wasslet għal imkien. Għalhekk, f'dan il-każ, il-Qorti jidhrilha xieraq li l-ispejjeż jintrefgħu mill-partijiet skond l-ishma tagħhom fil-wirt;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad l-eċċezzjoni preliminari tal-intempestivita' tal-azzjoni attriċi** tal-imħarrkin billi m'hijiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tastjeni milli tqis aktar l-ewwel eċċezzjoni preliminari** tal-imħarrkin Josephine Vassallo, Lawrence Falzon, Vincenza Formosa, Nażżarena Muscat, Carmelina Falzon u Edwin Falzon, u dan fid-dawl tad-degriet mogħti fis-16 ta' Frar, 2000;

[37] Ara art. 496 tal-Kap 16

**Tilqa' l-ewwel u t-tieni talbiet attriċi** billi tordna l-likwidazzjoni tal-ġid tal-komunjoni tal-akkwisti li kien jeżisti bejn Lorenzo u Paolina miżżewġin Falzon. Għall-finijiet ta' likwidazzjoni tal-ġid tal-istess komunjoni, l-Qorti qiegħda tillikwida l-imsemmi ġid fis-somma ta' miljun mija u ħamsa u disgħin elf sitt mija u sebgħa u għoxrin euro u tmenin ċenteżmi (€ 1,195,627.80), u magħmul minn ġid immobbli kif aħjar imfissra u stmati fir-rapporti peritali;

**Għall-finijiet tat-talbiet attriċi l-oħrajn tiddikjara** illi, minħabba l-għadd ta' werrieta u l-ishma rispettivi tagħhom ma huwiex possibbli li l-imsemmi wirt jinqasmu bla xkiel billi kull werriet jingħata f'sehmu ġid mill-imsemmi wirt *in natura*;

**Tipprovdi dwar it-tielet, ir-raba', l-ħames u s-sitt attriċi** billi tordna li l-ġid immobbli li jagħmel mill-wirt ta' Lorenzo u Paolina miżżewġin Falzon jinbiegħ b'liċitazzjoni, bis-sehem ta' barranin li jitħallew joffru, u bil-prezz kif joħroġ mill-istima magħmula mill-perit ġudizzjarju, b'dan li d-dħul mill-imsemmi bejgħ jinqasam bejn il-partijiet skond l-ishma rispettivi tagħhom kif stabiliti f'din is-sentenża;

Illi **għall-finijiet tal-ħames u s-sitt talbiet attriċi** l-Qorti qiegħda tistabilixxi l-kwoti mill-ishma tal-partijiet f'din il-kawża kif sejjer jingħad: in kwantu għal sehem minn erbgħin ($^{1}/_{40}$) lil kull wieħed u waħda mill-aħwa Falzon ulied Carmelo Falzon, u jiġifieri lil Carmelina Falzon, Josephine Vassallo, Lawrence, Vinċenza Formosa u Nażżarena *sive* Rene' Muscat; sehem ta' wieħed minn sittax-il ($^{1}/_{16}$) sehem lil kull wieħed mit-tfal ta' Giovanni Falzon, jiġifieri lil David Falzon u Irene Aquilina; sehem ta' wieħed minn tmien ($^{1}/_{8}$) ishma lil kull wieħed minn ulied Paul Falzon, u jiġifieri lill-attur u lil oħtu Josephine Laus u wkoll lil iben Emilia Falzon, jiġifieri Edwin Falzon; sehem ta' ottav ($^{1}/_{8}$) favur Dolores mart Paolo Falzon (rappreżentata minn binha Edgar Falzon); sehem ta' wieħed minn tmienja u erbgħin ($^{1}/_{48}$) sehem lil kull wieħed u waħda minn ulied Giuseppe Falzon, jiġifieri Carmelina Miceli, Joseph, Edgar, William, Pauline Cordina u Aida Xuereb; u f'sehem minn kull sitta u ħamsin ($^{1}/_{56}$) sehem lil kull wieħed u waħda minn ulied Rosario Falzon, u jiġifieri

Ronnie, Grace Rowland, Lawrence, Paul, Angela Falzon, Anthony u Myriam Synowicki;

**Għall-finijiet tas-seba' talba attriċi** u safejn din tista' tkun meħtieġa fil-proċess tal-bejgħ b'liċitazzjoni, taħtar lin-Nutar John Gambin; u

**Tordna li l-ispejjeż tal-kawża**, magħduda dawk marbuta mal-proċess tal-bejgħ b'liċitazzjoni, jintrefgħu mill-partijiet skond is-sehem rispettiv tagħhom fil-wirt.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------